*Ejjew naghtu ġieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

# Falkuni f'Ħal Far

*Minn Amanda Bonnici B.A. Hons P.G.C.E History*

L-istorja tal-falkunerija f'Malta tmur lura għal eluf ta snin, saħansitra minn żmien il-medjuevu. Il-Falkun f'Malta jidher fil-ħarifa għalkemm mhux b'mod regolari u ġieli deher f'April ukoll. Hu jagħti fil-kannella. Denbu ħamrani minn fuq u 'ar minn taħt u għandu forma ta' furkettun. Minn taħt għandu parti mill-ġwienaħ kważi bojod fuq naħa ta' barra, bit-truf tal-pinnen twal suwed. Jikber sa 61-72 ċentimetru. medda tal-ġwienaħ 140-165 ċentimetru rari, jiekol annimali żgħar, l-iżjed jekk ikunu mejtin u jbejjet fis-siġar għoljin,qrib baħar [1].

Sa mis-seklu tlettax, Federiku II, Iben Neriku VI u Kostanza magħruf fl-istorja bħala Stupor Mundi, kien affaxxinat bl-annimali. Hu tħabat kemm felaħ biex jgħaqqad u jsaħħaħ il-wirt tiegħu: ir-Renju ta' Sqallija u l-gżejjer ta' qribha, l-Italja ta' isfel u l-Ġermanja. Kien inkurunat imperatur fl-1212 f'Palermo [2].

Kien hu wkoll li fis-sena 1239-40 għaqqad lil Malta f'għaqda sħiħa ma' Sqallija u ħalla hawn gvernatur imsejjaħ Pawlinu ta' Malta. Lil Malta Federiku kien jużaha biex iżomm fiha leopardi, falkuni u iġmla. Il-gżira dak żmien kienet magħrufa għall-kaċċa u għall-kwantità ta' falkuni li kien hawn. Jaħsbu li kienu jbejtu f'ta' Ċenċ, Għawdex. Il-falkunerija kienet mogħdija taż-żmien popolari ħafna mas-sinjuri f'dawk is-snin u Federiku nnifsu kien kiteb dwar dan il- passatemp [3].

Erbat elef sena ilu n-naħa ta' isfel ta' Malta kien miżgħud bi djar żgħar imbiegħda minn xulxin, l-isem Ħal-Far ingħata ħafna snin wara, din il-biċċa art kienet infestata bil-ġrieden fi seklu sittax u għalhekk nies tal-lokal kienu jrabbu l-falkuni biex inaqqsu n-numru ta' ġrieden fil-post [4].



Fis-seklu sittax meta l-Kavallieri ta' San Ġwann tkeċċew minn Rodi, il-Papa Klement VII interċieda favur l-Ordni u rnexxielu jikseb kundizzjonijiet aħjar għall-Kavallieri, għalkemm mhux għal kollox kif xtaqu huma. Karlu V aċċetta li Malta u Tripli jingħataw bħala fewdi liberi mingħajr ebda obligazzjoni ħlief għall-preżentazzjoni ta' falkun kull sena bħala tifkira tal-għotja [5].


**Referenzi**

1. J.Sultana, L-Ghasafar ta' Malta (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2001).
2. J.Degabriele, Aktar mill-istorja(Media Centre Malta, 1997)
3. Ibid.
4. Benetti Roberto, Flightline Malta 1997-2004, Sunday, April 11, 2004 - 15:00 PM
5. J.Grima, Żmien il-Kavallieri f'Malta, 1530-1798, (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2008)